

Sewqan ta' Vetturi Kummerċjali Ħfief? Kun af dan!

Regoli ġodda japplikaw
mill-**1 ta' Lulju 2026**



Inti xufier ta' Vettura Kummerċjali Ħafifa (LCV)? Topera fil-konfini tal-UE?


Mill-1 ta' Lulju 2026, ir-regoli dwar il-**ħinijiet tas-sewqan u tal-mistrieħ** u l-**istazzjonar tax-xufiera** se jibdedw japplikaw għal-LCVs. Fatti ewlenin:

- Tapplika għal vetturi b'massa massima permissibbli ta' aktar minn 2.5 tonnelli u sa 3.5 tonnelli (inkluż kwalunkwe trejler jew semitrejler).
- Tapplika għal vetturi li jwettqu trasport internazzjonali ta' merkanzija jew kabotaġġ f'isem ħaddieħor.
- Dawn il-vetturi għandhom ikunu mgħammra b'takografu intelliġenti.
- Tapplika għal sewwieqa li huma ċittadini ta' pajjiżi tal-UE u mhux tal-UE, dment li jkunu impjegati minn kumpanija tat-trasport stabbilita fl-UE.

Regoli Ewlenin: ħinijiet tas-sewqan u tal-mistrieħ

Iffamiljarizza ruħek mal-ħinijiet massimi tas-sewqan, u mal-perjodi minimi ta' waqfien u ta' mistrieħ:

LIMITU TA' SEWQAN TA' KULJUM



LIMITU TA' SEWQAN TA' KULL ĠIMGĦA



GĦAŻLA 1



Mill-inqas 45 minuta wara 4.5 sigħat ta' sewqan

PAWŻA

GĦAŻLA 2



Pawża tista' tinqasam f'żewġ partijiet:

1. mill-inqas 15-il minuta, għall-ewwel parti
2. mill-inqas 30 minuta, għat-tieni

Minimu ta' 11-il siegħa mingħajr
interruzzjoni

MISTRIEĦ TA' KULJUM*

GĦAŻLA 1



11h

GĦAŻLA 2



3h

9h

Jista' jinqasam 1: mill-inqas 3 sigħat mingħajr interruzzjoni
f'żewġ perjodi: 2: mill-inqas 9 sigħat mingħajr interruzzjoni

MISTRIEĦ FIL- ĠIMGĦA**



45h



Minimu ta' 45 siegħa mingħajr
interruzzjoni

*Jista' jittieħed ukoll perjodu mnaqqas ta' mistrieħ ta' kuljum ta' mill-inqas 9 sigħat abbażi ta' kundizzjonijiet speċifiċi.

**Jista' jitnaqqas (perjodu ta' mistrieħ ta' mill-inqas 24 siegħa iżda inqas minn 45 siegħa) taħt kundizzjonijiet speċjali jekk jiġi kkompensat aktar tard.

Regoli Ewlenin: Stazzjonar ta' xufiera

Xi jfisser li tkun xufier stazzjonat?

Jekk inti impjegat minn operatur stabbilit fi Stat Membru tal-UE u mibgħut biex taħdem temporanjament fi Stat Membru ieħor biex twettaq ċerti tipi ta' operazzjonijiet tat-trasport, inti titqies bħala xufier stazzjonat skont il-liġi tal-UE.

Tip ta' operazzjoni ta' trasport

KABOTAĠĠ

L-impjegatur tiegħek mhuwiex stabbilit fl-Istat Membru fejn twettaq operazzjonijiet domestiċi tat-trasport.

Inti titqies
bħala sewwieq
stazzjonat



KUMMERĊ TRANSFRUNTIER

Operazzjonijiet tat-trasport bejn żewġ Stati Membri, jew bejn Stat Membru u pajjiż barra mill-UE, u l-impjegatur tiegħek ma jkun stabbilit f'ebda wieħed minn dawn il-pajjiżi.

Inti titqies
bħala sewwieq
stazzjonat



BILATERALI

It-trasport mill-Istat Membru fejn l-impjegatur tiegħek huwa stabbilit lejn pajjiż ieħor (ġewwa jew barra l-UE) jew ir-ritorn minn kwalunkwe pajjiż ieħor (ġewwa jew barra l-UE) lejn l-Istat Membru fejn huwa stabbilit l-impjegatur tiegħek.

M'intix meqjus
bħala sewwieq
stazzjonat



TRANŻITU

Il-qsim transfruntier ta' Stat Membru mingħajr ebda tagħbija jew ħatt.

M'intix meqjus
bħala sewwieq
stazzjonat



Għaliex tista' tkun intitolat għal paga oġhla meta tkun xufier stazzjonat?

Jekk inti xufier stazzjonat, japplikaw regoli speċifiċi. Jekk ir-remunerazzjoni ġenerali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol ikunu aħjar fil-pajjiż li int tiġi stazzjonat fih milli fil-pajjiż fejn huwa stabbilit l-impjegatur tiegħek, mela inti intitolat għal dawk il-kundizzjonijiet. Jekk il-livell ma jkunx oġhla, japplikaw ir-regoli tal-pajjiż ta' stabbiliment.

X'għandek bżonn turi l-ispettur f'kontroll fit-triq jekk tiġi stazzjonat?

Kun żgur li jkollok id-dokumenti li ġejjin f'każ ta' kontroll fit-triq:

- **Dikjarazzjoni tal-istazzjonar:** Kopja (diġitali jew stampata) tad-dikjarazzjoni tal-istazzjonar sottomessa mill-impjegatur tiegħek permezz tal-portal tad-dikjarazzjoni tal-istazzjonar tat-trasport bit-triq (portal RTPD) konness mas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern tal-UE (IMI).
- **Dokumenti tat-trasport:** Bħal noti ta' kunsinna (dokumenti CMR).
- **Reġistrazzjonijiet tat-takografu:** *Data* mit-takografu tal-vettura, inkluża *d-data* tiegħek tal-kard tax-xufier.

L-aktar obbligi rilevanti tal-impjegatur tiegħek

- **Organizza skedi tax-xogħol** biex tiżgura li x-xufiera kollha jkunu jistgħu jikkonformaw mar-regoli dwar il-ħinijiet tas-sewqan u tal-mistrieħ.
- **Ipprovi struzzjonijiet u taħriġ ċari** lix-xufiera rigward ir-reqwiżiti ta' konformità, inkluż l-użu tat-takografu.
- **Ipprevjeni u skoraggixxi Prattiki** li jistgħu jinċentivaw lix-xufiera biex jiksru r-regoli, bħal sistemi ta' pagament ibbażati biss fuq id-distanza jew il-veloċità.
- **Immonitorja r-rekords tat-takografu**, biex jiġi żgurat li x-xufiera jsegwu r-regoli u jżommu *data* mniżżla kemm mit-takografu kif ukoll mill-kard tax-xufier għal 12-il xahar għall-fini ta' spezzjonijiet.
- **Trid tkopri kwalunkwe spiża** għall-akkomodazzjoni tax-xufier relatata ma' mistrieħ ta' kull ġimgħa ta' mill-inqas 45 siegħa, li ma jistax jittieħed fil-vettura.
- **Ippermetti lix-xufier jirritorna lura d-dar** (jew lejn il-bażi operazzjonali tal-operatur) f'kull perjodu ta' 3 jew 4 ġimgħat konsekuttivi, abbażi tat-tendenza tiegħek ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa.
- **Żgura li d-dokumenti kollha** meħtieġa għall-kontroll fit-triq ikunu disponibbli fil-vettura biex jiġu ppreżentati fuq talba minn uffiċjal tal-kontroll.
- **Ippreżenta d-dikjarazzjoni tal-istazzjonar** permezz tal-Portal tad-dikjarazzjoni tal-istazzjonar tat-trasport bit-triq (il-portal RTPD) konness mas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern tal-UE (IMI) fil-ħin.

Punti prattiċi

- **GĦANDEK** tkun konformi mal-limiti massimi tal-ħin tas-sewqan u mar-rekwiżiti minimi tal-waqfiet u tal-mistrieħ.
- **UŻA** t-takografu biex tirreġistra s-sewqan, il-waqfiet, il-perjodi ta' mistrieħ u "xogħol ieħor" b'mod preċiż.
- **INFORMA** lil min iħaddmek dwar kwalunkwe dewmien jew ċirkostanzi mhux previsti li jaffettwaw il-konformità.
- **KUN** ċert li għandek id-dikjarazzjoni ta' stazzjonar u d-dokumenti meħtieġa miegħek f'każ ta' sitwazzjoni ta' stazzjonar.

- **TAQBİẖX** il-limiti tas-sewqan ta' kuljum jew ta' kull ġimgħa.
- **M'GĦANDEKX** tiffalsifika jew tbaġħbas b'rekords tat-takografu.
- **ISSUQX** meta tkun għejjien/a jew qabel ma tlesti l-perjodu ta' mistrieħ meħtieġ.
- **TINJORAX** il-ħinijiet minimi ta' waqfien jew il-perjodi ta' mistrieħ
- **TIĦUX** il-mistrieħ tiegħek ta' kull ġimgħa ta' mill-inqas 45 siegħa fil-vettura





EUROPEAN LABOUR AUTHORITY

Awtorità Ewropea tax-Xogħol

Landererova 12

811 09 Bratislava, is-Slovakkja

www.ela.europa.eu/lcv2026



Aktar informazzjoni
dwar ir-regoli dwar
il-ħin ta' mistrieħ



Aktar informazzjoni
dwar l-istazzjonar

© Awtorità Ewropea tax-Xogħol, 2025

La l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA) u lanqas ebda persuna li taġixxi f'isem l-ELA ma hija responsabbli għall-użu li jista' jsir mill-informazzjoni f'dan id-dokument.

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma' s-sors oriġinali.

Għal kwalunkwe użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li ma jkunx taħt iddritt tal-awtur tal-ELA, irid jintalab permess direttament mid-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

Drittijiet tal-awtur tal-immaġnijiet: © progressman - stock.adobe.com, © am - stock.adobe.com.

il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025

Print ISBN 978-92-9415-109-4 doi:10.2883/2105562 HP-01-25-026-MT-C

PDF ISBN 978-92-9415-108-7 doi:10.2883/6710530 HP-01-25-026-MT-N